



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
SWD(2025) 546 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa, u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili)

{COM(2025) 548 final} - {SEC(2025) 545 final} - {SWD(2025) 545 final}

X'inhuma l-problemi li għandhom jiġu indirizzati?

Il-qasam ta' politika tal-protezzjoni ċivili, il-preparatezza, u r-rispons għall-kriżijiet qiegħed ikun dejjem aktar ta' sfida minħabba xenarju ta' theddid u riskju li mar għall-agħar tul dawn l-aħħar deċennji. Dan ix-xenarju huwa kkaratterizzat minn taħlita volatili ta' riskji għas-saħħa, ġeopolitiċi, għas-sigurtà, soċjoekonomiċi, tat-tibdil fil-klima, u ambjentali. Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha huma dejjem aktar marbutin ma' daww tas-sħab tagħha lil hinn mill-fruntieri tagħha stess. Din ir-realtà l-ġdida titlob azzjonijiet determinati fil-livell tal-UE biex jiġu protetti ċ-ċittadini, is-soċjetajiet, l-ekonomiji, u d-demokrazija tagħna.

F'dan il-kuntest, il-valutazzjoni tal-impatt identifikat **tlit problemi ewlenin u l-ixpruni tal-problemi assojati tagħhom**:

1. **L-immaniġġjar tal-kriżijiet tal-UE huwa fil-biċċa l-kbira reattiv** pjuttost milli proattiv, u huwa xprunat minn użu insuffiċjenti ta' prospettiva strateġika, antiċipazzjoni, innovazzjoni, u ta' twissija bikrija; nuqqas ta' valutazzjonijiet tar-riskju integrati u ta' ġestjoni tar-riskji.
2. **Is-sett ta' għodod tal-UE għall-immaniġġjar tal-kriżijiet huwa frammentat, mingħajr approċċ ta' gvern sħiħ**, minħabba lakuni fil-koordinazzjoni settorjali u transfruntieri; nuqqasijiet fil-koordinazzjoni ċivili-militari; u nuqqas ta' rabta bejn l-isforzi ta' koordinazzjoni interni u esterni tal-UE.
3. **L-UE ma għandhiex biżżejjed kapaċità biex taġixxi b'solidarjetà**, minħabba interazzjoni soċjetali limitata, inkluż mas-settur privat; nuqqasijiet fil-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE għar-rispons għall-kriżijiet; allinjament strateġiku insuffiċjenti tal-baġits nazzjonali; u lakuni persistenti fil-kapaċità. Parti minn din il-problema hija li tipi differenti ta' kriżijiet jiġu indirizzati bl-istess mod.

X'hemm bżonn jinkiseb?

Sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati, is-sistema tal-UE għall-immaniġġjar tal-kriżijiet trid tkun mġhamra biex tilħaq erba' objettivi ġenerali. Dawn kollha jikkontribwixxu għall-għan globali li n-nies fl-Unjoni jiġu mħarsa kontra l-kriżijiet.

L-Objettivi Ġenerali jirriflettu l-prinċipji stabbiliti fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza. Għaldaqstant, dawn ma humiex biss modi kif jintlaħaq l-għan globali li n-nies fl-Unjoni jiġu mħarsa kontra l-kriżijiet iżda huma wkoll objettivi fihom infushom u minnhom infushom.

- **Objettiv Ġenerali 1 (OĠ1):** l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat li jkopri l-perikli kollha, antiċipatorju, u proattiv għall-ġestjoni tat-theddid u tar-riskji;
- **Objettiv Ġenerali 2 (OĠ2):** l-implimentazzjoni ta' qafas ta' koordinazzjoni transsettorjali effiċjenti u effettiv għal diversi kriżijiet f'approċċ ta' gvern sħiħ;
- **Objettiv Ġenerali 3 (OĠ3):** l-iżgurar ta' approċċ soċjetali għall-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet;
- **Objettiv Ġenerali 4 (OĠ4):** l-iżgurar li l-Unjoni tkun mgħammra biex taġixxi b'mod f'waqtu, flessibbli u b'solidarjetà, biex in-nies fl-Unjoni jiġu mħarsa kontra l-kriżijiet, inkluż fir-rigward tas-saħħa.

Għaliex għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE?

Hekk kif il-kriżijiet qegħdin isiru aktar multidimensjonali u transfruntieri, in-nuqqasijiet fil-kapaċità jridu jiġu indirizzati fil-livell tal-UE — jew permezz ta' kapaċitajiet tal-UE jew permezz ta' sforzi kkoordinati bejn l-Istati Membri. Dan mhux biss jippermetti koordinazzjoni aħjar tal-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet imħaddma fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, iżda wkoll jiżgura li l-assistenza tal-UE tkun tista' tilħaq liċ-ċittadini kollha tal-UE fil-bżonn, filwaqt li jkollha impatt pożittiv aktar fit-tul għas-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-UE. Il-kapaċitajiet kritiċi, bħal dawk offruti mill-programmi Galileo u Copernicus, huma sostenibbli biss permezz ta' azzjoni kollettiva, u joħolqu infrastrutturi strateġiċi li l-ebda Stat Membru ma jista' jikseb waħdu.

It-tisħiħ tal-preparatezza fil-livell tal-UE se jsaħħaħ il-protezzjoni taċ-ċittadini kontra t-theddid transfruntier, ikollu effett dissważiv, jindirizza s-sens ta' inċertezza profonda fost iċ-ċittadini u jikkontribwixxi għall-prekundizzjonijiet fundamentali tal-prosperità ekonomika u tal-kompetittività. Kif intwera fi kriżijiet riċenti, l-UE taqdi rwol strumentali fiż-żamma tal-preparatezza u r-reżiljenza tal-Unjoni tagħna.


Għażliet ta' Politika

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tipproponi tliet għażliet ta' politika li jindirizzaw dawn l-erba' Objettivi Ġenerali fi gradi differenti u minn angoli differenti. Il-

kamp ta' applikazzjoni tal-għażliet ta' politika huwa konformi mal-proposta legali assoċjata ma' din il-valutazzjoni tal-impatt.

Jeħtieġ li tiġi enfasizzata differenza fundamentali fl-arkitettura tal-baġit bejn l-għażliet ta' politika 1 u 2, minn naħa, u l-għażla ta' politika 3, min-naħa l-oħra (ara wkoll l-Illustrazzjoni 1):

- L-għażliet ta' politika 1 u 2 jipproponu approċċ “komplementari” għall-preparatezza, bħala prijorità orizzontali integrata kemm fil-UCPM u kemm fil-UCPM 2.0, f'sinerġija ma' programmi oħra¹.
- L-għażla ta' politika 3 tipproponi li l-elementi kollha tal-preparatezza jiġu ċentralizzati taħt Fond għall-Preparatezza uniku. B'kuntrast għall-għażliet 1 u 2, l-għażla 3 b'hekk tħall ir-rabta bejn il-preparatezza u l-politiki rilevanti l-oħra.



Illustrazzjoni 1- Preparatezza fl-arkitettura tal-QFP taħt l-għażliet differenti (indikattiva, id-daqs tal-oqsma ma jirrappreżentax is-sehem tal-portafoll tal-QFP)

Fl-Għażla 1, qiegħed jiġi propost Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili settorjali msaħħaħ, inkluż tisħiħ immirat taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza. L-attivitajiet fil-livell tal-UE jeħtieġ li jkunu kkomplementati minn sforzi sinifikanti fil-livell nazzjonali, inkluż bil-ħsieb ta' kapaċitajiet ta' rispons, li fil-livell tal-UE huma limitati għas-settur tal-protezzjoni ċivili “tradizzjonali” (ir-riżervi mediċi, ir-riżervi ta' aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, it-tifi tan-nirien forestali mill-ajru, eċċ.). Filwaqt li ż-żieda fl-isforzi nazzjonali tippermetti li jiġu indirizzati b'suċċess l-oġġettivi kollha, il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE ma jiġix sfruttat bis-sħiħ. B'riżultat ta' dan, din l-għażla hija nieqsa mill-

¹ Pereżempju: il-Fond għall-Kompetittività, inklużi r-riċerka u l-innovazzjoni speċjalizzati; il-Pakketti Nazzjonali, inklużi l-ġestjoni tal-forestrija u tal-għargħar, l-enerġija u l-infrastruttura kritika; Erasmus+, speċjalment fir-rigward tal-preparatezza tal-popolazzjoni; jew il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, inklużi proġetti ta' infrastruttura kritika transfruntiera u l-immaġni bis-satellita.

effettività, mill-effiċjenza, mill-koerenza esterna, u mis-simplifikazzjoni, meta mqabbla mal-Għażla 2.

Fl-Għażla 2, UCPM transsettorjali jlaqqa' flimkien il-UCPM u l-attivitajiet rilevanti għall-preparatezza għas-sigurtà tas-saħħa pubblika. Meta mqabbla mal-Għażla 1, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-protezzjoni ċivili u l-attivitajiet ta' preparatezza għal emerġenzi tas-saħħa jinkisbu permezz ta' strument uniku taħt il-UCPM 2.0. L-istruttura integrata tal-baġit tiżgura l-flessibbiltà u l-aġilità fil-ġestjoni tal-istrument. L-Għażla 2 tipprevedi l-istabbiliment ta' ċentru tal-UE għall-koordinazzjoni tal-kriżijiet, u b'hekk isir il-kapaċità ċentrali tal-UE għall-preparatezza transsettorjali għar-riskji, inkluż għall-kumulazzjoni tar-riżervi u l-immaniġġjar operazzjonali tal-kriżijiet. Il-kapaċitajiet ta' rispons fil-livell tal-UE jmorru lil hinn mis-settur tal-protezzjoni ċivili "tradizzjonali", inkluż pereżempju il-pontijiet mobbli/il-pontuns, it-telekomunikazzjoni tal-broadband u l-konnettività sigura, u l-kontromiżuri mediċi, inkluż permezz ta' kumulazzjoni ta' riżervi virtwali. Aktar attivitajiet rilevanti għall-emerġenzi tas-saħħa huma inklużi fil-ġlieda kontra t-theddid transfruntier għas-saħħa f'konformità man-natura transsettorjali ġenerali tal-inizjattiva.

Barra minn hekk, hija deskritta t-tielet Għażla ta' Politika, li twarrbet fi stadju bikri: **L-Għażla ta' Politika 3** tinvolti bħala l-element ewlieni tagħha l-ħolqien ta' strument ta' finanzjament uniku (il-Fond ta' Preparatezza) fil-livell tal-UE li jinkludi l-mekkaniżmi u l-attivitajiet kollha rilevanti għall-preparatezza għall-QFP kollu kemm hu. L-Għażla ta' Politika 3 tkun subottimali minħabba (i) inkonsistenza mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza; (ii) żieda fil-kumplessità fis-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja; u (iii) amalgamazzjoni ta' tipi differenti ta' kompetenzi, kemm dawk ta' appoġġ kif ukoll dawk kondiviżi. Minbarra dawn il-limitazzjonijiet inerenti tal-istrument, minħabba l-kumplessità tiegħu, huwa improbabbli ħafna li l-Istati Membri jappoġġawh matul il-proċess tan-negożjati. Minħabba dan, **L-Għażla ta' Politika 3 titqieset li ma hijiex vijabbli u għalhekk twarrbet.**

L-għażla ta' politika ppreferuta u l-impatti ewlenin tagħha

L-għażla ta' politika ppreferuta hija l-Għażla 2 peress li tisfrutta bis-sħiħ il-valur miżjud tal-UE u, b'hekk, tilħaq l-oġettivi b'mod komprensiv. Fil-kuntest ta' xenarju ta' kriżi li qed isir aktar multidimensjonali, u transfruntier, l-għażla ta' politika 2 twassal għal benefiċċji soċjali (eż. denominatur komuni oġhla fil-preparatezza tal-popolazzjoni), ambjentali (eż. preservazzjoni b'aktar suċċess tal-ispazji naturali u tal-bijodiversità), u ekonomiċi (eż. il-

kostijiet assoċjati ma' prevenzjoni u preparatezza komprensivi huma ferm aktar baxxi minn dawk għar-rispons) importanti.